**Meta nkun ħdejk**

Kull filgħodu wara l-quddiesa
Fuq is-siġġu noqgħod bilqiegħda
U hemm għall-kwiet nħossni nintilef
F'imħabbtek, fejqan mill-mibegħda.

Waqt li nagħlaq mhux ftit għajnejja
U nisma' fl-isfond il-mużika,
Tal-patri, kif ukoll tas-soru
Nistħajjilhom qegħdin f'xi pika.

Min lill-Mulej l-aktar jgħannilu
Ifarrġu mqar naqra fin-niket,
Li jġarrab meta jitwarrab minn
uliedu li jsawwtuh bil-vireg.

Kieku biss imqar tlissen kelma
Mill-kaxxa mqaddsa ma titħarrikx,
Naf li qalbek tkun wisq muġugħa
'Mma karba li karba ma tlissinx.

Xmajjar ta' tifkiriet jgħadduli
Ġieli nħossni li dalwaqt wasalt,
Imbagħad tagħmel waħda minn tiegħek
Dlonk nintebah l'għalxejn ittaqqalt.

Għas-skiet tiegħek qalbi tant tistrieh
Li ngħajjatlek aktar ma jkollix,
F'idejk b'ferħ arani nintelaq
Fija nħoss sliem w paċi issemmix.

Iż-żmien quddiemek kif jinxtorob
Kull frugħa u ħolma ssir duħħan,
Jibqa' biss l-għaqda kbira miegħek
Li ssaħħaħni, tagħmilni ferħan.

Ġesù tiegħi fl-Ewkaristija
Jien naf li jien il-mimmi t'għajnejk,
Nitolbok li traqqadni waħda
Miegħek tgħannaqni meta nkun ħdejk.

Patri Mario Attard OFM Cap
16 ta' Marzu 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.